MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 381/2005

**Avviz Nru: -381/2005DM**

Maltacom plc (C 22334)
Vs
Sullsport Limited (C 11034)

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u hames mija u tlieta u disghin lira u tnax-il-centezmu (LM2,593.12c) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 21484279 (AT 5382/90 – AC 10144708); u 21383110, 21383113, 21383114, 21383115 (AT 5392/90 – AC 10126211); u *special cards* bin-numri 6436 (AT 5392/90 – AC 10002581), 6423 (AT 5392/90 – AC 10002582), u 6425 (AT 5392/90 – AC 10002583).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikati ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma baghtet xi rapprezentanza biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha konsegwentement tilqa' t-talba attrici u wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti qeghdha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm2593.12 c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b' effett mill-21 ta' Gunju 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------